# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 925

KAZ NRU. 1018

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Maryanne Xuereb

u

Marsa Sports Club

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 17 ta' Frar, 1998

**Chairman : Is-Sur Colin Tabone**

## 1. Introduzzjoni

Il-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani permezz ta' ittra datata 2 t'April, 1996 riferenza ME4/95/126/II talab lit-Tribunal Industrijali biex jaghti decizjoni dwar din il-kwistjoni tax-xoghol skond l-Art. 28(2) tal-Att dwar Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 266) tal-Ligijiet ta' Malta.

## 2. Rapprezentanza

Ghall-appellanti - l-avukat Bernard Grech
Ghall-kumpanija - l-avukat Andrew Borg Cardona

## 3. Xhieda

Ghall-appellanti - Is-sur Alexander Petrella

| | | |
|---|---|---|
| Ghall-kumpanija | - | Is-sur Albert Bonello<br>Is-sur Wilfred Naudi<br>Is-sur Douglas Bajada<br>l-appellanta Maryanne Xuereb. |

4. **Prezentazzjoni ta' Dokumenti**

| | | |
|---|---|---|
| Mill-appellanti | - | Statement of Case - Dok Nru. 2. |
| Mill-kumpanija | - | Statement of Case - Dok Nru. 1.<br>Ittra tas-16 ta'<br>Jannar 1996 lis-<br>Sinjura M. Xuereb - Dok Nru. WN 1 |

5. **Informazzjoni Generali**

L-appellanti ssostni li t-tkeccija mill-impjieg ta' receptionist ma kienetx gustifikata.

Minn naha tal-kumpanija pero' t-tkeccija hija gustifikata ghaliex l-appellanti rrifjutat ordni legittima mill-Management tal-Marsa Sports Club.

Is-Sinjura M. Xuereb kienet impjegata bhala receptionist ghal kwazi 8 snin u x-xoghol taghha ta' receptionist kien jinkludi xoghol ta' telephone operator, ibbukkjar tat-tennis court, billiards, squash u affarijiet ohra.

It-tezi tal-appellanti hi li minn zmien ghal zmien ix-xoghol kien qieghed jizdied, li ma kienx possibbli li tlahhaq max-xoghol u n-nies li kienu jigu fir-reception meta zdied ix-xoghol fuq il-golf.

Minn naha tal-Marsa Sports Club ix-xoghol li zdied jaghmel parti mid-doveri tar-receptionists u ghaldaqstant l-

appellanti kellha d-dover li topera u tahdem skond il-kriterji tal-Management.

## 6. **Osservazzjonijiet**

Fix-xhieda ta' l-appellanti u fil-kontro-ezami taghha jidher car li t-tilwima nibtet min mindu l-appellanti bdiet tiehu hsieb il-bookings tal-Golf Section ukoll. Il-kumpanija ssostni li dan gara biex il-gbir tal-flus ikun iccentralizzat.

Issemmew ukoll li qabel dan kollu d-duties kienu zdiedu izda l-appellanti kienet inghatat "a monthly allowance". L-appellanti pprotestat meta zdied ix-xoghol tal-Golf.

Ix-xoghol ta' receptionist ma kienx isir biss mill-appellanti u kien hemm kazi fil-weekends li jkun hemm iktar minn persuna wahda fil-*peak periods*.

Gie nnotat li l-appellanti kienet impjegata kapaci u l-management kellu fiducja fija u ghalhekk deher, skond ix-xhieda tas-sur A. Bonello, li l-appellanti nghatat allowance.

Fix-xhieda wkoll hareg li l-volum seta' zdied ghall-appellanti izda mhux ir-responsabbilta'.

## 7. **Konkluzzjoni**

Id-doveri mizjuda tal-gbir tal-Golf ma biddlux in-natura tax-xoghol ta' l-appellanti. Dawn id-doveri huma komplimentari. Ir-relazzjoni bejn l-appellanti u l-Marsa Sports Club ma kienetx hazina anzi deher car li kien hemm apprezzament ghall-appellanti. Mandakollu l-appellanti dehrilha li x-xoghol li kellha ma setghetx taghmlu b'mod effettiv u rrifjutat li tezegwixxi ordnijiet tas-Socjeta'. L-appellanti giet imwissija

biex issegwi l-ordnijiet tas-segretarju tal-Marsa Sports Club izda baqghet tirrifjuta.

8. **Decizjoni**

It-Tribunal Industrijali wara li ezamina bir-reqqa x'wassal ghal din it-tkeccija, ddecieda li t-tkeccija kienet gustifikata.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Nru. 48 tal-1986 it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Erbghin Lira Maltin (Lm40) kull wiehed.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol

---------------------
**Colin Tabone**
**CHAIRMAN**

-----------------
**Emma Muscat**
**A/SEGRETARJA**

mrg